MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 1392/2003/1

**Rose Celik f'isimha proprju u bhala prokuratrici ad litem ta' wliedha minuri Abraham u Dennis, ahwa Celik**

**v.**

**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b'digriet tat-3 ta' Awissu, 2004 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Murteza Celik**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti kuraturi deputati in rapprezentanza ta' l-assenti konvenut Murteza Celik, minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fil-31 ta' Ottubru 2007. F'din il-kawza, l-attrici qeghda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut; li l-kura u kustodja tat-tfal minuri Abraham u Dennis tigi fdata lilha; li tigi ffissata retta alimentari pagabbli ghall-bzonnijiet taghha u ta' uliedha minuri, kif ukoll qeghda titlob ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

2. Is-sentenza appellata hija din:

"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin ta' Ottubru, elf disa' mija u hamsa u tmenin (27.10.1985) fir-Registru ta' Zwigijiet, Valletta (Dok A) u minn liema zwieg twildulhom zewg ulied, Abraham u Dennis ahwa Celik li llum ghandhom sbatax (17) [recte (9)] -il sena u disa' (9) [recte (17)] snin rispettivament (Dok B u C);

"Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta' eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi b'mod gravi b'mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

"Premess illi inoltre l-konvenut irrenda ruhu ta' adulterju fil-konfront ta' l-attrici martu;

"Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibli minhabba inkompatibbilita` ta' karattru bejn il-kontendenti;

"Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond

digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 1312/2003 hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;

"Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi Murteza Celik ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha u/jew minhabba adulterju kommess mill-imsemmi Murteza Celik u/jew minhabba inkompatibbilita` ta' karattru bejn il-kontendenti;

"2. Tafda l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri Abraham u Dennis ahwa Celik f' idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

"3. Tordna illi l-attrici tinghata d-dritt li tghix fid-dar konjugali cioe` Block J, Flat 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi flimkien ma' uliedha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha.

"4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal uliedhom minuri Abraham u Dennis ahwa Celik dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta' zewgha, liema manteniment ghandu, kull meta l-konvenut ikun impjegat, jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

"5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

"6. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b' tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta' lok li ssir is-separazzjoni;

“7. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond Awla kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha rrizervaw li jipprezentaw l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri, stante li f’dak iz-zmien ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

“Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit gudizzjarju l-Avukatessa Dottor Tanya Sammut Catania, minnha debitament mahlufa;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“**Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kapl.16, imputattbli lill-istess konvenut.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi, fl-ewwel lok jigi osservat li, ghalkemm l-attrici pprezentat l-affidavits taghha u ressqet diversi xhieda li uhud minnhom gew kontro ezaminati mill-Avukat tal-konvenut, il-konvenut minn naha tieghu ma’ prezentax

[1] Fols.330 *et seq.*

affidavits, izda prezenta biss dikjarazzjoni[2] mhux iffirmata u mhux konfermata bil-gurament, u li ghalhekk m' ghandha ebda valur probatorju.

"Illi mill-provi jirrizulta li fis-27 ta' Ottubru 1985 l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, illum assenti, cittadin tork, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, Abraham u Dennis li twieldu rispettivament fl-14 ta' Dicembru 1985 u 6 ta' Settembru 1994, u ghalhekk illum Abraham biss huwa minorenni.

"Illi l-konvenut, li huwa deskritt mill-attrici bhala bniedem ghajjur u possessiv, ibati mill-"marda tal-mohh"[3] mgharufa bhala 'Othello Syndrome' li a kawza taghha kien ibati minn "deluzjonijiet ta' infedelta'" li kienu jikkawsawlu "ansjeta' tensjoni rabbja." Rizultat ta din il-marda l-konvenut kien jiffissa li martu kienet tkun infidila lejh; liema fissazzjoni kienet fonti ta' diversi eposidji ta' vjolenza morali konsistenti f' tghajjir u theddid serju fil-konfront ta' martu l-attirici, li fihom il-konvenut kien ikun aggressiv hafna, anke fil-konfront ta' uliedhom. L-effetti negattivi ta' dan l-istat mentali tal-konvenut gie aggravat mill-fatt li dan kien ta' spiss volontarjament[4]jabbuza mill-alkohol.

"Illi l-psikjatra kuranti tieghu jghid li, ghalkemm inizjalment huwa kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, huwa kien jirrifjuta li jiehu l-kura.

"Sussegwentement, wara episodju ta' vjolenza fizika serju, l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali minhabba li kienet qed tibza mill-inkolumita taghha u ta' uliedha u sabet rifugju f' shelter u llum ghadha tghix fis-shelter Qalb ta' Gesu` gewwa Santa Venera. Hija tghid li, ghalkemm il-konvenut kien siefer u ma regghax gie lura, hija tghid li tibza' terga' tmur lura tghix fid-dar matrimonjali, stante li jista' jerga' jitfacca bla preavviz.

---

[2] Dok.VG1 fols.203 - 204

[3] Dep. Psikjatra Dr.David Cassar – fols.289 *et seq.*

[4] Stante li gie stabbilit li ghalkemm kien jabbuza mill-alkohol, ma kienx dipendenti fuq l-alkohol

“Dawn il-fatti jirrizultaw inkontestati, u wkoll isibu konfrot qawwi fix-xhieda tal-Psikjatra Dottor David Cassar li ghal certu zmien kien jikkura l-konvenut.

“Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa s-sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici, u anke fil-konfront ta’ uliedu.  Jigi ossevat li l-htija tal-konvenut tirrisjedi fil-fatt li, ghalkemm jsofri minn marda mentali, huwa [1] kien irrifjuta li jkompli jiehu l-kura necessarja, u dan b’ rizultati dizastruzi ghal familja tieghu;  u [2] nonostante li huwa ma kienx alkoholiku, huwa ta sikwit kien jabbuza mill-alkohol, bir-rizultat li kien ikun aggressiv u vjolenti fil-konfront tal-familja tieghu.  Inoltre, l-fatt li l-konvenut telaq minn Malta u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha b’ zewgt itfal, allura t-tnejn minorenni, minghajr ma jibghat ghajnuna finanzjarja rilevanti, dan il-fatt ut sic jikkostitwixxi mohqrija fit-termini ta’ l-artikolu precitat.

“Minn naha l-ohra, pero` jigi osserva li ma giex provat li dana kellu relazzjoni adultera kif imputat lilu fic-citazzjoni.

“Dan premess u kkunsdirat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament minhabba komportament abusiv kontinwu u ripetut da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu u uliedu, konsistenti f’ sevizzi fit-termini ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap.16, li ghalhekk ghandu jigi meqjus bhala l-parti hatja tal-firda.
“**Kura u Kustodja**

“Illi mill-kwadru premess jirrizulta manifest li fl-interess tal-minuri Abraham dan ghandu jibqa’ fil-kura u kustodja esklussiva ta’ l-attrici; bid-dritt ta’ access liberu ghall-missier

“**Manteniment**

“*Manteniment arretrat*

“Illi permezz ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Settembru 2003 il-konvenut kien gie ordnat li jhallas lill-attrici s-somma mensili ta’ Lm120 rapprezentanti manteniment ghaliha u ghaz-zewg ulieda

Dennis li dak iz-zmien kellu 17-il sena u Abraham li kellu 9 snin.

“Illi l-attrici li llum ghandha 47 sena u ma tahdimx minhabba mard, tghid li zewgha qatt ma hallas il-manteniment ordnat mill-Qorti ghajr tlett pagamenti ta’ Lm50 u s-somma ta’ Lm100, b’ kollox 250, u hi tghix bl-assistenza socjali.

“Ghaldaqstant, gialadarba l-imsemmi digriet ma giex revokat u allura ghadu fis-sehh, u gjalarba ma jirrizultax li l-konvenut ma baqax jahdem, huwa dovut manteniment arretrat mill-imsemmija data sallum in kwantu ghall-attrici u binha Abraham, u mill-imsemmija data sal-14 ta’ Dicembru 2003 in kwantu ghat-tifel Dennis li llum huwa maggjorenni.

“Inoltre, ghall-finijiet tal-komputazzjoni ta’ l-arretrati dovuti, il-Qorti, in difett ta’ indikazzjoni li turi l-kuntrarju fid-digriet precitat, tqis l-imsemmija somma bhala manteniment ghall-attrici in kwantu ghal Lm60, filwaqt li nofs l-iehor ta’ Lm60 huwa manteniment ghaz-zewg minuri fi kwoti wgwali.

“Konformament mal-premess, huma ghalhekk dovut lill-attrici s-somma ta’ Lm3,000 bhala manteniment arretrat ghaliha mit-2 ta’ Settembru 2003 sal-31 ta’ Ottubru 2007, is-somma ta’ Lm1,440 bhala manteniment arretrat ghal binha Abraham ghall-istess periojodu, u s-somma ta’ Lm105 bhala manteniment arretrat ghal binha Dennis sal-14 ta’ Dicembru 2003: b’ kollox is-somma ta’ Lm4,545 li minnha ghandu jitnaqqas l-imsemmi ammont ta’ Lm250. Ghalhekk l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma komplessiva ta **Lm4,295** manteniment arretrat.

“*Manteniment futur*

“Illi mix-xhieda jirrizulta li l-attrici ghandha 47 sena u ma tahdimx minhabba mard, u kif fuq indikat tghix bl-assistenza socjali.  Inoltre, il-konvenut bhala l-parti hatja ghal firda huwa obbligat li jissomministra manteniment lil martu;  huwa ukoll ghandu l-obbligu legali li jmantni lil ibnu

Abraham sakemm dan idum minorenni. Jigi osservat ukoll li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut assenti m' ghadux jahdem kif fil-fatt kien jahdem qabel ma telaq minn Malta.

“Illi in kwantu ghall-manteniment dovut minnu lil martu, ghaliha ghal ibnu, ghal futur il-Qorti taqbel mal-pretensjoni attrici li dan il-manteniment ghandu jigi komputat f' somma globali ragjonevoli stante li, mill-provi jirrizulta li l-konvenut mhuwiex affidabbli f' dan ir-rigward u li l-probabbilita' kbira hija li dana jibqa' inadempjenti kif ghamel tul dawn l-ahhar snin, multo magis issa li qed jghix barra minn Malta. Ghaldaqstant din il-Qorti b' applikazzjoni ta' l-artikolu 54[3] tal-Kap.15 u tenut kont tal-fatt li mill-provi ma jirrizultax l-introitu attwali tal-konvenut stante li jinab imsiefer, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma globali ta' **Lm10,000** ghas-saldu ta' l-obbligu tieghu tal-hlas tal-manteniment futur, u li Lm2,100 minnhom jirrapprezentaw manteniment futur ghat-tifel Dennis.

“Il-Qorti tordna, fl-interess tal-minuri li din is-somma ta' Lm2,100 tigi depositata f' kont fiss bankarju f' Malta f' isem l-imsemmi minuri Dennis; u l-attrici hi awtorizzata li tizbanka minn dan l-istess kont bankarju, <u>biss</u> is-somma ta' Lm30 kull xahar mill-kapital oltre l-imghaxijiet kull sena. Dan il-provvediment ghandu jibqa' fis-sehh sakemm ma jkunx hemm ordni ohra ta' din il-Qorti jew kwalunkwe Qorti ohra li tkun kompetenti fil-materja.

“Ferm il-premess, huwa ghalhekk dovut lill-attrici s-somma globali ta' erbatax-il elf, mitejn hamsa u disghin lira Maltin **[Lm14,295],** u tordna li dan l-ammont jitnaqqas minn sehem il-konvenut tar-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

“**Komunjoni ta' l-akkwisti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti assi:

“[1] L-appartament numru hamsa [5] Entratura J.Binja Hasri, Triq Dun Anton Vella, Siggiwi, li skond ix-xhieda

mhux kontraddetta ta' l-attrici nxtara fiz-zwieg permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Philip Said fit-8 ta' Ottubru 1992, u li skond stima[5], mhux kontestata, maghmula mill-Perit Ludovico Micallef gie stmat fis-sena 2005 li jiswa Lm32,000.

"L-attrici tghid li, nonostante li hi ghamlet pagamenti mensili akkont tad-dejn gravanti l-post minn flus mislufa lilh minn huha Sandro Ciantar, jidher li ghad fadal bilanc x' jithallas;

"[2] L-inkwilinat ta' garage numru 86 [3] Entrance M Binja Hesri Siggiewi, mikri minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet, kontenenti apparat u appliances li l-konvenut kien juza ghan-negozju tieghu;

"[3] Vettura Ford Transit Van registrata bin-numru AA1958;

"[4] Kontijiet bankarji;

"[5] Effetti mobbli fl-appartament, kif ukoll fil-garage, fuq indikati;

"[6] *Dejn* – Dan jikkonsisti fil-bilanc tal-loan mehuda mill-Bank HSBC ghax-xiri ta' l-imsmemi appartament; arretrati ta' kontijiet tad-dawl u ilma ghall-imsemmi garage; u kera arretrat ta' l-istess garage.

"*Assenjazzjoni*

"Il-Qorti tordna li l-assi tal-komunjoni jigu assenjati fil-mod segwenti:

"[1] L-appartament numru hamsa [5] Entratura J.Binja Hasri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi jigi mibugh fuq is-suq liberu fi zmien sena, u, fin-nuqqas, jigi mibjugh bis-subbasta wara l-iskadenza ta' sena; u r-rikavat tieghu, <u>wara</u> li jtnaqqas minnu id-dejn bilancjali kollu mal-HSBC gravanti l-fond, jigi diviz f' zewg porzjonijiet ugwali sabiex

[5] Dok.X fol.202

kull parti tinghata porzjon; izda mill-porzjon dovut lill-konvenut ghandu jitnaqqas is-somma ta' **Lm14,509.16** [Lm14,295 + Lm214.16] krediti dovuti minnu lill-attrici, u li din is-somma tigi konsenjata lill-istess attrici.

"Iz-zewg partijiet huma minn issa ordnati jallontanaw ruhhom mill-imsemmi fond, sabiex isir il-bejgh.

"[2] Li l-inkwilinat tal-garage numru 86 [3] jigi assenjat lill-konvenut flimkien mad-dejn gravanti fuqu konsistenti f' kera arretrat u kontijiet tad-dawl u ilma;

"[3] Li l-vettura AA1958 tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali;

"[4] Li l-effetti mobbli llum ezistenti fid-dar konjugali qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici, anke tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa unikament hati tal-firda; filwaqt li l-effetti mobbli ezistenti fil-garage fuq indikat qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-konvenut.

"[5] Li kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji li jinsabu ntestati f' isimha.

"*Passiv*

"Illi d-dejn tal-komunjoni qed jigi assenjat kif ser jinghad:

"Illi l-kera ta' l-imsemmi garage, flimkien mal-kontijiet tad-dawl u ilma fuq l-istess qed jigu assenjati lill-konvenut b' mod li huwa esklussivament responsabbli ghall-hlas taghhom. Bl-istess mod l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma u tat-telefon fuq id-dar konjugali li talvolta ghadhom jezistu sad-data tallum ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut esklussivament, stante li meta l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali l-konvenuta baqa' jokkupa l-istess fond ghal perijodu ta' tlett snin.

"Illi rigward l-hlas tad-dejn fuq id-dar konjugali, l-attrici tghid li minn Lulju 2004 beda jithallas minnha biss, stante pressjoni li kienet qeda ssir mill-Bank koncernat. Hija pprezentat dokumenti li jikkorroboraw li mis-26 ta' Ottubru

2004 sas-26 ta' Ottubru 2005 ghamlet pagamenti ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm428.32; ma jirrizultax provat jekk halsitx pagamenti ulterjuri. In propositu, stante li dan il-parti tad-dejn thallas mill-flus tal-komunjoni, nofs l-imsemmija somma, ekwivalenti ghal **Lm214.16** tikkostitwixxi kreditu ta' l-attrici u ghandha tithallas lilha mill-konvenut. Inoltre, jekk jirrizulta, minn ricevuti bankarji, li l-attrici ghamlet pagamenti ulterjuri, il-konvenut huwa ordnat ihallas lill-attrici nofs l-ammont ta' dawn il-pagamenti. Il-kumplament tad-dejn bilancjali gravanti l-imsmemi fond huwa a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, u ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-prezz qabel ma' jigi maqsum f' zewg porzjonijiet kif fuq indikat.

"Illi tordna li kwalunkwe debitu iehor li jirrizulta dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali in konnessjoni max-xoghol tal-konvneut, ghandu jkun a kariku esklussiv ta' l-istess konvenut. Kull debitu iehor li seta' gie kuntrattat minn parti ad insaputa tal-parti l-ohra jibqa' responsabbilita` esklussiva tal-parti li kkuntrattatu..

"Illi l-attrici tghid li fl-assi tal-komunjoni hemm zewg gabbani [mobile kiosks]; izda jigi osservat li mill-provi ma jirrizultax li dawn ghadhom fil-pussess taghha, u lanqas taf fejn qeghdin jew jekk ghadhomx jezistu. Ghaldaqstant ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni odjerna. Il-Qorti pero` tordna li, jekk dawn jinstabu, ghandhom jigu valutati mill-istimatur Peter Bonello li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez tal-partijiet, mibjugha u r-rikavat taghhom jinqasam ugwalment bejn il-partijiet – sakemm iz-zewg partijiet ma jifthemux mod iehor.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unikament tal-konvenut fit-termini ta' l-Artikolu 40 Kap.16;

“[2] tilqa’ t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Abraham lil l-attrici; bid-dritt ta’ access liberu ghall-konvenut;

“[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li l-attrici rtiratha fil-mori tal-proceduri;

“[4] tilqa’ r-raba’ talba u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici somma komplessiva ta’ erbatax-il elf, mitejn hamsa u disghin lira maltin [Lm14,295] rapprezentanti manteniment arretrat u futur kif indikat fis-sezzjoni ntestata **“Manteniment”;**

“[5] tilqa’ l-hames, is-sitt u s-seba’ talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett millum, tillikwidaha u tordna li ssir l-assenjazzjoni kif ordnat fis-sezzjoni ntestata **“Komunjoni ta’ l-akkwisti”;** u tinnomina lin-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana sabiex tircevi l-att opportun fl-edifizju tal-Qorti fi zmien tlett xhur f’ gurnata u hin fissat mill-istess nutar, u tinnomina lill-Avukat Dottor Vincent Galea bhala kuratur ghall-eventwali kontumacja.

“L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut; izda dawk relatati mal-hatra tal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.”

## <u>II. L-APPELL</u>

3. Il-konvenuti kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Murteza Celik hassewhom aggravati b’din is-sentenza u ghalhekk appellaw minnha, b’rikors ipprezentat fl-20 ta’ Novembru 2007. L-aggravji ta’ l-appellanti jikkoncernaw il-kwistjoni tar-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg u l-kwistjoni tal-manteniment. Ghalhekk, wara li l-konvenuti appellanti spjegaw dettaljatament dawn l-aggravji, huma talbu li din il-Qorti joghgobha (i) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li l-htija ghall-firda bejn il-partijiet hija unikament ta’ l-appellant u minflok jigi ddikjarat li l-htija ghall-firda hija unikament ta’ l-

appellata u fin-nuqqas, taz-zewg partijiet, mhux necessarjament b'mod ugwali; (ii) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm14,295, inkluz f'dan l-ammont manteniment futur, u minflok tiddikjara li l-appellant ghandu jaghti lill-appellata ammont ferm inqas, u cioe` l-arretrati ta' manteniment dovuti lilha kif jirrizulta mill-provi u ghal bqija tichad it-talba; (iii) tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-appellata iddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment ghaliha u (iv) tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

4. Nonostante li r-rikors ta' l-appell gie debitament innotifikat lill-appellata Rose Celik, hija naqset li tipprezenta risposta ta' l-appell. Madanakollu, hija deheret fl-udjenza mizmuma minn din il-Qorti fl-14 ta' April 2008, u hemmhekk ikkontestat l-appell, tramite l-Avukat taghha, Dr. Graziella Bezzina.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza**

5. Il-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Ottubru 1985 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal Dennis u Abraham, ahwa Celik li twieldu rispettivament fl-14 ta' Dicembru, 1985 u fis-6 ta' Settembru, 1994. Fil-mori tal-kawza, Dennis sar maggorenni. Minhabba dizgwid bejn il-partijiet, inkluz tghajjir, theddid u vjolenza fizika, l-appellata allontanat ruhha mid-dar matrimonjali u sabet rifugju fir-residenza "Qalb ta' Gesu`", filwaqt illi l-appellant, li huwa ta' nazzjonalita` Torka, telaq minn Malta.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti**

6. L-appellanti jsemmu zewg cirkostanzi li fuqhom jibbazaw is-sottomissjonijiet taghhom fir-rikors ta' l-appell odjern. Jallegaw li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata fis-sentenza appellata dwar ir-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg u dwar il-kwistjoni ta' manteniment.

### i) Ir-responsabbilita` ghat-Tifrik taz-Zwieg

7. L-appellant permezz tal-kuraturi deputati fl-ewwel lok isostni illi l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellata hatja ta' ingurji gravi fil-konfront ta' l-appellant meta fic-citazzjoni hija akkuzatu, fost affarijiet ohra, b'adulterju pero` in segwitu bl-ebda mod ma ppruvat tali allegazzjoni.

8. L-appellant m'ghandux ragun li jqajjem dan l-aggravju. Huwa veru li wahda mill-premessi fic-citazzjoni hija precizament li "l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront ta' l-attrici martu". Madanakollu, il-motiv ta' separazzjoni fuq din il-premessa ma kienx awtorizzat mill-Onorabbli Sekond Awla bid-digriet taghha tat-2 ta' Settembru, 2003 (ara fol. 11 u fol. 9). Ghalhekk, din il-premessa ma kellha l-ebda lok li ssir fl-att tac-citazzjoni odjerna u ghandha tigi injorata. Apparti dana l-aspett legalistiku, din il-Qorti innotat li l-attrici ma jidhirx li ghamlet allegazzjoni ta' adulterju fil-konfront tal-konvenut fin-nota guramentata taghha a fol. 24 tal-process u lanqas ma ghamlet hekk fix-xhieda li hija tat sussegwentement fil-mori tal-kawza. Min-naha l-ohra, irrizulta li kien il-konvenut li kontinwament kien jingurja lil martu minhabba li kien ibati minn deluzjonijiet li martu kienet infidila lejh (ara x-xhieda tal-Psikjatra a fol. 289 fejn jinghad li l-konvenut kien ibati minn "Othello Syndrome").

9. Fit-tieni lok, l-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta attribwiet l-htija esklussivament lilu u ma hadetx in konsiderazzjoni wkoll ir-responsabbilita` ta' l-appellata ghat-tifrik taz-zwieg.

10. Jirrizulta mill-atti li l-konvenut la xehed u lanqas ma pproduca xhieda, salv li d-difensur tieghu ghamel il-kontro-ezamijiet ta' l-attrici u tax-xhieda prodotti minnha. A fol. 203 hemm esebita dikjarazzjoni tal-konvenut. Madanakollu, dan id-dokument ma jistax jitqies bhala affidavit kif rikjest bil-ligi u dan peress illi la huwa iffirmat mill-appellant u lanqas m'huwa konfermat bil-gurament tieghu. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkummentat illi tali dikjarazzjoni "m'ghandha ebda valur probatorju" ( ara fol. 379). Gialdarba fl-atti ma jirrizultax illi hemm provi ammissibli skond il-ligi li jistghu jitqiesu li

jixhtu xi htija fuq l-attrici appellata ghat-tifrik taz-zwieg, isegwi li l-ilment ta' l-appellant li l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellata wkoll hatja ghat-tifrik taz-zwieg, ma jregix.

11. L-appellata xehdet illi l-problemi matrimonjali taghhom kienu primarjament joriginaw mill-vizzju tax-xorb li kellu l-appellant (ara affidavit ta' l-appellata a fol. 47). Hija xehdet illi ghalkemm il-partijiet kienu attendew sena *support group* organizzat mis-Sedqa u anke kienu marru "*family therapy*", il-problema tal-vizzju ta' l-alkohol kien xorta baqa' hemmhekk, ghaliex l-appellant ma kienx baqa' jiehu l-kura. L-appellata ssemmi fl-affidavit taghha episodji ta' vjolenza fil-konfront taghha u ta' uliedhom li gaghluha, fl-ahhar mill-ahhar, li tfittex rifugju fir-residenza "Qalb ta' Gesu`", ghaliex kienet qeghda tibza' mill-appellant. Hija xehdet ukoll illi zewgha kien ghamel perijodu fl-Isptar Monte Carmeli, pero` l-kundizzjoni tieghu ma kienetx marret ghall-ahjar. Infatti, mix-xhieda tal-psikjatra rrizulta li l-konvenut spicca biex irrifjuta li jkompli jiehu kura ghall-mard mentali tieghu. Ix-xhieda prodotti mill-appellata kollha jikkorraboraw ix-xhieda moghtija minnha.

12. L-appellata, in sostenn tax-xhieda taghha u ta' l-allegazzjonjiet maghmula minnha fil-konfront ta' l-appellant zewgha, pproduciet lil Jeannie Cuschieri, li hija *social worker* fir-residenza "Qalb ta' Gesu`" (a fol. 280), lil Manuel Mangani, li huwa *social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg (a fol. 283) u l-psikjatra kuranti ta' l-appellant ( a fol. 289). Johrog car mix-xhieda ta' Manuel Mangani u tal-psikjatra li l-appellant kellu bzonn kura sabiex jeghleb il-vizzju tax-xorb, kif ukoll sabiex ifieq jew itejjeb il-kundizzjoni mentali tieghu, li ssemmiet aktar qabel. Pero`, l-appellant irrifjuta li jaghmel dan, bil-konsegwenza illi l-familja tieghu, inkluza l-appellata u uliedhom kellhom ibatu l-konsegwenzi ta' abbuz mentali u fiziku.

13. Manuel Mangani xehed illi:
"Mr. Celik would have benefited to continue the programme at Sedqa because there was a drinking problem, of abuse of alcohol not necessarily alcoholism."

In fatti l-istess xhud jghid illi meta l-appellant kien ghamel sena ma jixrobx, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet marret ghall-ahjar, pero` wara dik is-sena huwa kellu *relapse*. Ix-xhud jghid ukoll illi l-appellant kien ammetta mieghu illi kien hemm okkazzjoni fejn kien vjolenti fizikament fil-konfront ta' l-appellata u ta' uliedu.

14. Min-naha l-ohra, il-psikjatra xehed illi l-appellant kien ghamel xi tlett snin jew erba' taht il-kura tieghu barra mill-isptar Monte Carmeli. Kien taht il-kura tieghu ukoll meta kien rikoverat fl-istess sptar ghal perjodu qasir. Il-psikjatra xehed dwar iz-zewg problemi ta' l-appellant, illi kienu jikkonsistu fil-problema tax-xorb u kif ukoll problema ta' deluzjonjiet ta' infedelta` ossija "Othello Syndrome". Huwa jispjega din il-kundizzjoni b'dan il-mod:
"qed nitkellmu fuq marda tal-mohh….tkun kawza ta' diversi kundizzjonijiet fosthom uzu qawwi ta' xorb, pero` fil-kaz ta' Murteza Celik anke meta waqaf jixrob l-alcohol, l-istat mentali tieghu baqa' l-istess fejn huwa baqa' xorta b'deluzjonijiet ta' infedelta`….. dawn il-hsibijiet tieghu lilu kienu jikkawzawlu ansjeta`, tensjoni u rabbja fejn hemmhekk ukoll kien jhedded lil mara tieghu li jekk jarha titkellem ma' kwalunkwe ragel b'mod li hu jidhirlu mhuwiex approprjat huwa jinferixxi li hemm cans kbir li din qed tizviluppa relazzjoni ma' parti ohra."

L-istess xhud kkonferma wkoll illi kien hemm theddid ta' vjolenza serja peress illi l-appellant, li kien Tork, kien jghid illi fil-kultura tieghu kien accettabbli li wiehed anke jittermina l-hajja.

15. Mill-provi migjuba johrog bla ombra ta' dubju illi t-tifrik taz-zwieg kien unikament imputabbli lill-appellant minhabba ecessi, mohqrija u theddid ai termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax ma taqblx ma' dak li rriteniet l-ewwel Qorti illi ( a fol. 380):
"l-htija tal-konvenut tirresjedi fil-fatt li, ghalkemm jsofri minn marda mentali, huwa (1) kien irrifjuta li jkompli jiehu l-kura necessarja, u dan b'rizultati dizastruzi ghall-familja tieghu; u (2) nonostante li huwa ma kienx alkoholiku, huwa ta' sikwit kien jabbuza mill-alkohol, bir-rizultat li kien

ikun aggressiv u vjolenti fil-konfront tal-familja tieghu. In oltre, l-fatt li l-konvenut telaq minn Malta u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha b'zewgt itfal, allura t-tnejn minorenni, minghajr ma jibghat ghajnuna finanzjarja rilevanti, dan il-fatt ut sic jikkostitwixxi mohqrija fit-termini ta' l-artikolu precitat." (Artikolu 40 tal-Kodici Civili).

**ii) Il-Kwistjoni tal-manteniment**

16. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex tillikwida manteniment ghall-bzonnijiet ta' l-appellata u tat-tifel minuri Abraham u dan meta ma giex ippruvat illi l-appellant Murteza Celik kien qieghed jahdem. F'paragrafu 8 tar-rikors odjern l-appellant jirriferi ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti osservat illi "*mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut assenti m'ghadux jahdem kif fil-fatt kien jahdem qabel ma telaq minn Malta*." L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu mpjieg barra minn Malta, meta ma ngabet l-ebda prova dwar dan.

17. Illi huwa minnu li ma jirrizultax fl-atti illi ngabet prova jekk l-appellant qieghedx jahdem fil-prezent jew dwar id-dhul percepit minnu prezentement mill-konvenut. Madanakollu, jirrizulta li l-appellant, xi tlett snin ilu halla l-martu u l-uliedu lampa stampa meta ddecieda li jitlaq minn Malta u attwalment huwa jinsab barra minn Malta. Huwa, tista' tghid, ma baqax jikkomunika ma' martu u wisq anqas ma baghat ebda manteniment lilha u lill-ibnu minuri. Evidentement, il-prova jekk huwa kienx qieghed jahdem jew le, u jekk fl-affermattiv, kemm kien qieghed jaqla' mix-xoghol tieghu, kienet prova li tispetta lilu. Inoltre, din il-prova huwa kellu kull opportunita` li jaghmilha skond il-ligi, izda huwa naqas milli jaghmilha. Certament, ma jistax jippretendi li din il-Qorti tezentah mill-obbligu impost fuqu mil-ligi li jmantni lill-martu u lil ibnu minuri, bl-istratagemma semplici li ma jixhed xejn u mbaghad jallega li martu ma producietx prova li huwa kien qieghed jahdem.

18. Min-naha taghha, l-appellata produciet bhala xhud lir-rapprezentant ta' l-*Employment & Training Corporation* Edwin Mallia (a. fol.280), li pprezenta l-*employment*

*history* ta’ l-appellant Dok. EM1 (a fol. 183). Minn dan id-dokument jirrizulta ampjament illi l-appellant huwa kapaci jahdem u li meta kien Malta huwa hadem kemm bhala mpjegat ma’ kumpaniji u kif ukoll ghal rasu. Ir-raguni tat-terminazzjoni ta’ l-ahhar impjieg tieghu f’Malta mal-kumpanija Allegro Andante Ltd. bhala *assistant kitchen helper*, kienet ghaliex huwa telaq minn Malta u mhux ghaliex b’xi mod kien kostrett illi jitlaq mix-xoghol tieghu. Apparti minn hekk, l-appellata xehdet ukoll illi huma kellhom zewg gabbani, ossija *mobile kiosks* ta’ l-ikel, li l-appellant kien jahdem bihom fix-xhur tas-Sajf.

19. L-appellant, min-naha l-ohra, ma gab l-ebda prova illi huwa m’huwiex f’posizzjoni li jahdem minhabba xi problemi ta’ sahha jew motivi ohra. Il-fatt illi l-appellant ghazel f’dawn il-proceduri li ma jixhedx u ma jipproduciex prova dwar l-introjtu tieghu, ma jfissirx illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tippronunzja ruhha dwar il-kwistjoni ta’ manteniment. Apparti dak li diga` inghad, jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kellu jigi presunt li hu dizokkupat, hija relevanti s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “**Antonia Mifsud v. Alfonso Mifsud**”, deciza fis-26 ta’ Gunju 1954, fejn gie korrettement ribadit illi:
“id-dizokkupazzjoni mhix motiv biex tehles lir-ragel mill-obbligu ta’ l-alimenti lejn martu, specjlament imbaghad, meta dik id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Joanne Pelhan proprio et nomine v. Keith Pelham**”, deciza fid-9 ta’ Novembru 1998 il-Qorti ta’ l-Appell irriteniet illi:
“hu veru li l-ligi civili ma tisforza lil hadd mill-mizzewgin biex imur jahdem bilfors pero` hu daqstant veru li l-ligi civili timponi fuq l-konjugi l-obbligu li jipprovdi manteniment reciproku lil xulxin u manteniment ghall-ulied. Fl-adempiment ta’ dan l-obbligu l-konjugi huma mistennija mil-ligi illi jipprovdu l-mezzi, bhala regola mix-xoghol taghhom, biex ma jhallux lil min jiddependi minnhom ghall-manteniment nieqes mill-bzonnijiet essenzjali ta’ kuljum.”

20. L-appellant isostni f'paragrafu numru 9 tar-rikors ta' l-appell odjern illi "*gialadarba rrizulta illi l-attrici, appellata odjerna, hija hatja ukoll ghat-tifrik taz-zwieg, allura hija ghandha tiddekadi mid-dritt taghha ta' manteniment.*" Mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-appellata ikkontribwiet b'xi mod ghat-tifrik taz-zwieg jew li hija iddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha l-appellant. Kif diga` inghad, l-appellant la xehed u lanqas ipproduca xhieda f'dawn il-proceduri u ghalhekk din l-allegazzjoni da parti tieghu ma tinsab bl-ebda mod konfortata bi provi.

21. L-appellanti jsostni wkoll illi l-ewwel Qorti ma setghetx tillikwida l-manteniment futur fis-somma ta' Lm10,000, gialdarba ma kienx hemm talba maghmula f'dan is-sens fic-citazzjoni. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tirriferi ghall-Artikolu 54(3) tal-Kapitolu 16 illi jipprovdi specifikatament illi:
"Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, meta tigi deciza l-firda, il-Qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli ghall-manteniment li thallas lill-parti l-ohra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-parti li jkollha tircievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-ohra skond il-kaz." (enfasi tal-Qorti).

Illi tenut kont tad-disposizzjoni espressa tal-ligi hawn fuq citata, l-ilment ta' l-appellant ma jregix. Kienet fakulta` li tirrientra fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk tapplikax dan l-artikolu tal-ligi o meno.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ezercitat l-imsemmija diskrezzjoni korrettement u gustament u din il-Qorti taqbel mar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti li wassluha sabiex tapplika l-imsemmi Artikolu 54(3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi akkordat manteniment futur ghall-appellata, fil-forma ta' somma globali. L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-appellant jinsab barra minn Malta u illi huwa m'huwiex persuna affidabbli stante illi mid-data tal-hrug tad-digriet ta' manteniment moghti

mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili ’l quddiem, u cioe` mit-2 ta’ Settembru 2003 sad-data tas-sentenza tal-31 ta’ Ottubru 2007, l-appellant ma hallasx il-manteniment hekk ordnat lilu hlief ghal ftit pagamenti li b’kollox kienu jammontaw ghas-somma ta’ Lm250. Illi apparti minn hekk, l-ewwel Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellata, fid-data tas-sentenza, kellha 47 sena u ma kenitx f’posizzjoni li tahdem minhabba li kienet taht kura psikjatrika.

23. Jidher illi m’hemmx kontestazzjoni dwar l-arretrati ta’ manteniment dovuti mill-appellant u dan johrog mill-paragrafu 9 tar-rikors odjern fejn l-appellanti nomine jaqblu illi l-arretrati in kwistjoni ghandhom jitnaqqsu mis-sehem ta’ l-appellant mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Dawn l-arretrati ta’ mantenimenti gew likwidati mill-ewwel Qorti fl-ammont ta’ Lm4,295.

24. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundannah sabiex ihallas somma globali ghall-manteniment futur, ghaliex jekk jigri hekk huwa ma jkollux rimedju f’kaz illi jirrizulta fil-futur illi jkun hemm cirkostanzi li jwasslu lill-appellata li tiddekadi mid-dritt taghha li titlob manteniment.

25. Dina l-Qorti thoss illi l-appellant qieghed jkun skorrett f’din l-affermazzjoni ghaliex hu m’huwiex qieghed jindirizza l-problema fil-komplessita` kollha taghha, izda qieghed, tipikament, ihares lejn il-kwistjoni mill-*punto di* vista biss ta’ l-interessi egoistici tieghu, u grossolonament qieghed jinjora l-interessi u d-drittijiet ta’ ibnu u ta’ martu. L-ewwel Qorti illikwidat is-somma globali ta’ LM10,000, <u>li minnhom, LM2,100 jirraprezentaw manteniment futur ghat-tifel, Dennis</u>. L-appellant kellu jistaqsi wkoll: x’jigri f’kaz illi fil-futur l-appellata ma tiddekadix mid-dritt taghha u mal-medda tas-snin l-attrici eventwalment tiskopri li s-somma globali likwidata lilha bhala manteniment futur ma kenitx bizzejjed biex tlahhaq mal-bzonnijiet taghha? F’dan il-kaz, l-appellata ma tkunx tista’ titlob aktar manteniment u l-appellant isib ruhu mehlus mill-obbligu li jmantni lill-martu ghaliex Artikolu 54(7) tal-Kapitolu 16 jipprovdi hekk:

"… Izda meta tkun thallset somma globali jew tkun inghatat proprjeta` b'sodisfazzjoni totali ta' l-obbligu ta' parti li thallas il-manteniment lill-parti l-ohra, ir-responsabbilita` ta' parti li thallas il-manteniment lill-parti l-ohra, ir-responsabbilita` kollha ta' l-ewwel parti ghall-manteniment tat-tieni parti tieqaf….."

Il-manteniment likwidat f'somma globali *ai termini* ta' l-Artikolu 54(3) tal-Kapitolu 16 huwa intiz proprju sabiex l-parti li liha huwa dovut l-hlas ta' manteniment tigi mpoggija f'posizzjoni finanzjarjament aktar indipendenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa sewwa li dan il-provvediment gie applikat fil-kaz in ezami.  Din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni wkoll fatturi ohra, inkluz il-fatt illi l-appellata mhux ser ikollha saqaf taht rasha, gialadarba tinbiegh id-dar matrimonjali u hija ghalhekk ser ikollha tidhol ghal spejjez addizzjonali ta' kirja ta' post, u mhux ser tkun f'posizzjoni li takkwista proprjeta` ohra jew tiehu self minn bank, stante li m'ghandhiex il-mezzi necessarji u, kif diga` inghad, m'hijiex f'pozizzjoni li tahdem bi qliegh.

25. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm il-htiega li tkompli telabora fuq il-provi migjuba f'din il-kawza, ghaliex din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

26. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-appellant Murteza Celik.  It-terminu ta' tlett xhur imsemmi fl-ewwel sentenza jibda jiddekorri mil-lum.  Tordna wkoll li l-ismijiet tal-partijiet u ta' uliedhom ma jigux riprodotti f'rapporti ta' din is-sentenza li talvolta jistghu jidhru fil-gazzetti lokali u dan fl-interess ta' l-istess tfal tal-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------